MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru. 952/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**CARMEL BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmel Borg ta' 47 sena, bin Joseph u Paola nee' Calleja, mwieled Birkirkara nhar il- 25 ta' Lulju 1961, u residenti fil-fond 125, Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il- Bahar, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 506661(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’dawn il- Gzejjer, fix- xhur ta’ Novembru u Dicembru 2007, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immagnarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ elf mitejn u hamsa u sittin Ewro u sitt centezmi (€ 1265.06) ghad- dannu tal-Assocjazzjoni tat- Traport Pubbliku (ATP);

2) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, gharraq it- thaddim ta’ xi sistema, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg jew ghamel uzu minnhom, u cioe ACE module , propjeta’ tal-ADT;

3) U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja jew zied ma’ xi data software jew dokumentazzjoni ta’ appogg;

4) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, immodifika taghmir jew provvisti tal- computer li jintuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw f’xi computer, sistema ta’ computer jew computer network, u cioe ACE module, proprjeta’ tal- ADT;

5) U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ha pussess ta’, ghamel hsara fi jew qered xi computer, sistema ta’ computer, computer network, jew provvisti ta’ computer li jintuzaw jew huma mahsubin li jintuzaq f’xi computer, sistema ta’ computer jew computer network jew

hassar it- thaddim ta’ xi wiehed minnhom u cioe ACE module , propjeta tal- ADT;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkunsidra sew din l-ammisjoni tieghu;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 309, 309, 310 (1) (b), 337C (1) (e), (g), 337D (a) (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ elf u hames mitt Ewro (€ 1,500)

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------